

## IV

*(Informazzjoni)***INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZJI  
TAL-UNJONI EWROPEA****IL-KUNSILL****DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL****tas-16 ta' Ġunju 2014****li taħtar nofs il-membri tal-Bord ta' Ġestjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel****(2014/C 192/02)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jstabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jstabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jstabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 25(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-lista ta' kandidati ppreżentata lill-Kunsill mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-fehmiet espressi mill-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) Huwa essenzjali li jiġu żgurati l-indipendenza, il-kwalità xjentifika għolja, it-trasparenza u l-effiċjenza tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA). Il-kooperazzjoni mal-Istati Membri hija wkoll indispensabbli.
- (2) Il-mandat ta' seba' membri tal-Bord ta' Ġestjoni tal-Awtorità jiskadi fit-30 ta' Ġunju 2014.
- (3) Il-lista ppreżentata mill-Kummissjoni għet eżaminata bil-ħsieb li jinħatru seba' membri ġodda tal-Bord ta' Ġestjoni tal-Awtorità abbażi tad-dokumentazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni u fid-dawl tal-fehmiet espressi mill-Parlament Ewropew. L-għan huwa li jiġu żgurati l-ogħla standard ta' kompetenza, firxa wiesgħa ta' għarfien espert rilevanti, per eżempju fil-ġestjoni u l-amministrazzjoni pubblika, u d-distribuzzjoni ġeografika l-aktar wiesgħa possibbli fi ħdan l-Unjoni.
- (4) L-Artikolu 25 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002, jeħtieġ li erbgħa mill-membri tal-Bord ta' Ġestjoni tal-Awtorità għandu jkollhom esperjenza f'organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw il-konsumaturi u interessi oħra fil-katina alimentari. Il-mandat ta' tliet membri tal-Bord ta' Ġestjoni b'tali esperjenza jiskadi fit-30 ta' Ġunju 2014 u daww il-membri għandhom għalhekk jiġu sostitwiti,

<sup>(1)</sup> ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-persuni li ġejjin huma maħtura bħala membri tal-Bord ta' Ġestjoni tal-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2014 sat-30 ta' Ġunju 2018:

Stella CANNA MICHAELIDOU

Iñaki EGULEOR

Jan MOUSING (\*)

Raymond O'ROURKE (\*\*)

András SZÉKÁCS

Robert Van GORCOM

Pieter VANTHEMSCHE (\*)

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-16 ta' Ġunju 2014.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

G. KARASMANIS

---

(\*) Esperjenza f'organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw interessi oħra fil-katina alimentari.

(\*\*) Esperjenza f'organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw il-konsumaturi.